MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1166/2011

**Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Ibrahim Ismail**
**Moussa Diarra Kassim**

**Illum, 22 ta' Ottubru 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra

Ibrahim Ismail li ghandu 27 sena, iben Ismail u Fanta, imwieled il-Mali f'l-4 ta' Lulju 1984 li m'ghandux residenza fissa; u

Moussa Diarra Kassim, ta' 25 sena, iben Kulimbangara u Salimata Coulibali, imwieled il-Mali f'l-10 ta' Mejju 1986 li m'ghandux residenza fissa.

Akkuzati talli fit-22 ta' Ottubru 2011 kif ukoll zmienijiet ta' qabel u wara, f' Malta, taw jew geghlu li jinghata xi prospett falz, jew dikjarazzjoni falza, jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta'l-Immigrazzjoni, u dan bi ksur ta'l-artikolu 32(1)(c)tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni jew xjentement ghamlu uzu minn xi document iehor falsifikat u dan bi ksur ta'l-artikoli 183, 184 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 183, 184 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura ta'l-imputazzjonijiet li taghhom l-imputati qed jinstabu hatja u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 183, 184 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra

taghhom u tikkundannahom tlettax (13) il-xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------